# ID-DMIRIJIET TAL-ĠENITURI U L-ULIED

**Samuel Grech**

## Introduzzjoni

Fl-Iskrittura huwa ċar il-kmand t'Alla biex inħobbu u nirrispettaw lill-ġenituri tagħna, skond kif jeżorta r-raba kmandament: "Weġġah lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej Alla tiegħek jagħtik."[1] Kapitlu 3 ta' Bin Sirak huwa mimli b'eżortazzjonijiet biex nirrispettaw lill-ġenituri. F'Mk 7, 8-13, Kristu jkompli jafferma l-obbligu tar-raba' kmandament, waqt li l-Appostlu Pawlu jħeġġeġ lit-tfal biex jisimgħu mill-ġenituri tagħhom "fil-Mulej, għax dan hu s-sewwa."[2] Fl-istess ħin, il-ġenituri ukoll għandhom ċerti dmirijiet lejn uliedhom: "iġġarbux iżżejjed lill-uliedkom iżda rabbuhom fid-dixxiplina u t-twiddib tal-Mulej."[3]

F'dan il-każ ser nidħlu fid-dettal tad-dmirijiet tal-ġenituri lejn it-tfal kif ukoll id-dmirijiet tat-tfal lejn il-ġenituri. Lejn l-aħħar nisħqu fuq l-importantza li l-ġenituri jkunu xempju fil-virtù tal-kastità.

## Dmirijiet tal-ġenituri lejn uliedhom

- **Qabel it-twelid tat-tfal**

Il-ġenituri ma jistgħux jiffurmaw lil uliedhom sew jekk huma stess ma jkunux iffurmati umanament u spiritwalment. Ikunu ġenituri tajbin kemm il-darba jħarsu lejn uliedhom bħala barka u mhux għall-vantaġġi materjali li jistgħu jieħdu minnhom.

[1] Eżodu 20, 12.
[2] Efesin, 6, 1-3.
[3] Efesin, 6, 4.

Ir-responabbiltà tal-ġenituri lejn uliedhom futuri hija konkretament manifestata fuq kollox fl-att ġenerattiv. Dan għandu jkun mument ta' ċerta reverenza, mingħajr il-preżenza ta' elementi li jwaqqgħu id-dinjità tal-persuna.

Meta l-omm tkun tqila bit-tarbija, huwa importanti li l-ġenituri jiġu mħarrġa spiritwalment u emozzjonalment, bi preparazzjoni għat twelid tat-tarbija tagħhom. Minn naħa tagħhom ma jagħmlux ħażin jekk jinfurmaw lilhom infushom fuq it-trobbija tajba ta' l-ulied. L-omm, bil-għajnuna tar-raġel tagħha, jeħtieġ li tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tħares kemm saħħitha, kif ukoll b'mod speċjali, is-saħħa tat-tarbija li qed iġġorr f'ġufha. Affarijiet bħal xogħol esaġerat u vjaġġi twal li jġibu għejja, għandhom jiġu evitati. Barra minn hekk kull tip ta' vjolenza fuq l-omm, impressjonijiet emozzjonali qawwija, jew xi xokk qawwi, huma lkoll perikolużi.

Fuq kollox iż-żmien tat-tqala għandu jkun għall-ġenituri żmien ta' tama, talb u imħabba reċiproka.

- **Wara t-twelid tat-tfal**

Għal raġunijiet mediċi u psikoloġiċi, fosthom jekk hemm problemi ta' saħħa, l-omm tista tirrikorri għal tipi ta' ħalib approvati xjentifikament biex titma lit-tarbija tagħha, minflok il-*breast feeding*. Però f'każijiet normali, il-*breast feeding* għandu jiġi preferut, speċjalment fl-ewwel xhur wara t-twelid, għar-raġuni li dan ma jipprovdix biss nutrizzjoni fiżika, iżda wkoll kuntatt ma l-omm. Barraminnhekk, xi drabi l-*breast feeding* iwaqqaf l-ovulazzjoni għal xi xhur u b'hekk jagħmilha aktar possibbli li jkun hemm spazju bejn wild u ieħor, fattur li huwa ta' benefiċċju kemm għall-omm kif ukoll għat-tarbija. Hawn il-ġenituri m'għandhomx iħallu lilhom infushom jiġu mkaxkra minn modestja falza jew xi forma ta' pressjoni soċjali oħra.

- **Il-Bżonnijiet materjali tat-tfal**

Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jħarsu l-bżonnijiet materjali ta' wliedhom. Fejn mhux possibbli jlaħħqu weħidhom, hu importanti li jitolbu l-għajnuna ta' ħaddieħor, qabel ma wliedhom isofru minn xi forma ta' mard.

Sa minn kmieni l-ulied għandhom jiġu mdaħħla fil-ħidma tal-familja ħalli jitgħallmu jikkoperaw mal-membri l-oħra tal-familja f'ambjent ta' solidarjetà. Dan jgħinhom biex ikollhom sens ta' responsabbiltà. Fl-istess ħin il-ġenituri għandhom ikunu ġenerużi ma wliedhom waqt li jsostnuhom bl-għajnuna finanzjarja neċessarja. Huma m'humiex obbligati jħallu l-wirt kollu lit-tfal, speċjalment jekk l-ulied ma jkunux kapaċi jħaddmuhom tajjeb jew jekk dan se jikkawża dannu gravi morali. Jekk hu evidenti li l-ulied kapaċi ma jkunux karitatevoli, hu importanti li l-ġenituri jinqdew tajjeb bit-testment.

- **Il-Vokazzjoni tat-tfal**

Skond il-vokazzjoni tagħhom, il-ġenituri għandhom id-dmir li jagħtu pariri lill-uliedhom rigward il-vokazzjoni tagħhom. Fl-istess ħin m'għandhomx iġagħlu lit-tfal imorru kontra r-rieda tagħhom, sakemm ix-xogħol li jkunu jridu t-tfal ma jkunx se jġib piż kbir fuqhom jew ikun ta' dannu għat-tfal l-oħra.

- **Dmirijiet lejn tfal illeġittimi**

Il-missier mhux miżżewweġ għandu l-obbligu li jipprovdi lill-omm mhux miżżewġa b'kull ma tkun teħtieġ biex trabbi lit-tarbija, anke jekk il-liġi tpoġġilu limitu fuq kemm hu obbligat li jgħin. Hu għandu jżomm ruħu mbiegħed mill-omm u mit-tarbija jekk il-preżenza tiegħu tfieri l-armonija jew toħloq dannu morali għall-omm u l-wild. L-affarijiet ikunu differenti jekk il-missier huwa liberu u jkun irid jiżżewweġ lill-omm. Dejjem jekk dan ikun se jwassal għal unjoni pożittiva bejniethom, il-koppja għandha l-obbligu li tiżżewweġ u b'hekk tkun qed tipprovdi aħjar għall-ħajja tal-wild. Jekk dan il-pass ma jseħħx, il-wild m'għandux ikun il-vittma t'espjazzjoni għan-nuqqas tal-ġenituri tiegħu jew tagħha. L-omm mhix miżżewġa għandha tiġi trattata b'imħabba Kristjana, fid-dawl tal-ħajja tal-wild li qed tieħu ħsieb.

Jekk it-tarbija tkun għadha fil-ġuf, l-omm għandha tiġi mgħejjuna sabiex ma tirrikorrix għall-abort. Jekk l-omm u l-familja tagħha ma jkunux jistgħu irabbu t-tarbija, il-missier huwa responabbli li jipprovdilha trobbija xierqa. Is-servizz ta' *foster mother* jista' jiġi provdut jekk hemm raġunijiet serji għal dan. Jista' jkun possibbli wkoll li t-tarbija titpoġġa f'istituzzjoni mmexxija mill-prinċipji Kristjani u li tkun tista' tagħti trobbija xierqa lit-tarbija. L-istat għandu dritt li jieħu t-tarbija mingħand il-ġenituri, jekk dawn huma traskurati u inabbli li jipprovdu trobbija xierqa lit-tarbija. S'intendi t-trobbija fil-familja qatt m'għandha tiġi mibdula minn trobbija f'istituzzjoni, dejjem jekk fil-familja hemm il-kundizzjonijiet meħtieġa għal trobbija tajba.

- **Tħarriġ tal-Moħħ u l-Karattru**

Bħala l-ewwel edukaturi ta' wliedhom, il-ġenituri għandhom iħobbu lill-uliedhom b'imħabba Kristjana. Kull azzjoni li tmur kontra din l-imħabba, bħalma huma preferenzi ta' wild minn ieħor, għandhom jiġu evitati. Jekk xi ħadd mill-ġenituri huwa ħati ta' nuqqas ta' mħabba lejn uliedu, il-ġenitur l-ieħor jista' jiġi kostrett li jiftaħ għajnejn uliedu dwar dan, dejjem b'sens ta' mħabba u prudenza. Il-konfużjoni u l-inkonsistenza bejn il-ġenituri jistgħu ikunu ta' dannu għall-formazzjoni tajba tat-tfal.

Il-ġenituri qatt m'għandhom jikkoreġu lill-uliedhom b'rabja esaġerata billi din tista' toħloq reazzjoni negattiva fit-tfal. Kuntrarju għal dan, id-dixxiplina għandha tkun motivata mill-imħabba. It-tfal m'għandhomx jiġu fi stat li jevitaw xi ħaġa minħabba l-biża minn xi kastig, iżda għax jifhmu li xi ħaġa partikulari hi ħażina u allura għandha tiġi evitata. Il-kastig għandu jiġi meqjus bħala *last resort* jekk it-tentattivi l-oħra jkunu fallew. S'intendi qatt ma jista' jiġi mogħti kastig b'mod inġust.

Mill-banda l-oħra, il-ġenituri għandhom joqgħodu attenti li ma jagħtux lill-uliedhom xi forma ta' rigal kull darba li jagħmlu azzjoni tajba. It-tfal għandhom jidraw jagħmlu t-tajjeb għax hu tajjeb fih innifsu u mhux biex jirċievu xi ħaġa lura. Però t-tifħir u l-inkoraġġiment jistgħu ikunu ta' għajnuna meta t-tfal minn natura tagħhom joqgħodu lura jew faċilment jaqtgħu qalbhom.

L-edukazzjoni għandha torjenta lit-tfal biex jiffurmaw il-kuxjenza tagħhom u t-tajjeb jibdew jagħmluh b'mod liberu. Mingħajr żvilupp fil-libertà u inizjattiva personali, lit-tfal tista' taħkimhom trawma morali meta jaslu fil-punt fejn jinqatgħu mill-ġenituri tagħhom.

Il-ġenituri għandhom joqgħodu attenti għall-attivitajiet li t-tfal ikunu nvoluti fihom barra l-familja u sa fejn jista' jkun jipprotteġuhom mill-okkażjoni tad-dnub. Fl-edukazzjoni għall-purità, il-ġenituri għandhom jiffurmaw lill-uliedhom b'mod gradwali, b'ċerta reverenza u mingħajr mistħija esaġerata, fuq il-misteru tas-sess, hekk kif uliedhom ikunu għaddejjin minn żmien ta' kurżità fuq dan is-suġġett.

F'każ fejn fil-familja hemm wild wieħed, il-periklu hu li l-ġenituri jiprojettaw lilhom infushom fil-wild u dan jibda jaħseb li hu ċ-ċentru ta' l-eżistenza kollha u hemm ċans kbir li jitla' bħala egoist. Il-ġenituri għandhom joqgħodu ħafna attenti minn din il-ħaġa.

It-tħarriġ mentali u spiritwali għandu jibda minn kmieni. Il-ġenituri għandhom jiddedikaw ħin għal uliedhom fejn iwieġbu għall-mistoqsijiet tat-tfal u anke jilgħabu magħhom. S'intendi l-proċess ta' żvilupp qatt m'għandu jiġi impost. Fuq kollox il-ġenituri għandhom jikkultivaw iż-żerriegħa tal-fidi f'uliedhom permezz ta' istruzzjonijiet u eżempji tajba.

- **F'armonija mal-Knisja u l-Istat**

Flimkien mal-ġenituri, il-Knisja u l-istat huma wkoll responsabbli li jedukaw lit-tfal. Għalkemm mhux assolut, minħabba regoli divini u dawk statali, l-irwol tal-ġenituri għandu priorità. Ma nistgħux ngħidu li għax bniedem twieled bħala ċittadin, allura jappartjeni għall-istat, mingħajr ma ma nżommu f'moħħna li qabel ma l-bniedem hu ċittadin, jeħtieġ li jiġi fl-eżistenza li tiġi biss mill-ġenituri.[4] Il-Knisja wkoll tirrikonoxxi d-dritt tal-ġenituri li jedukaw lill-uliedhom. Fl-istess ħin il-Knisja tibqa l-omm u l-għalliema li tikkopera mal-ġenituri f'din il-ħidma. L-istat minn naħa tiegħu għandu jħares id-drittijiet tal-familja u tal-Knisja fir-rigward ta' l-edukazzjoni Kristjana tat-tfal, waqt li jipprovdi miżuri biex jiggarantixxi li ċ-ċittadini kollha jitgħallmu għarfien meħtieġ fl-oqsma kollha tal-ħajja. F'dan il-qasam, l-edukazzjoni m'għandhiex tkun

[4] PIJU XI, *L.c.*, 59.

monopolju ta' l-istat, speċjalment jekk dan ifisser forza fuq il-kuxjenza tal-ġenituri. Il-Knisja qatt ma tista' tapprova skejjel li juru newtralità lejn il-fidi tagħha. Sa fejn hu possibbli għalhekk il-ġenituri kattoliċi għandhom jibgħatu lill-uliedhom fi skejjel tal-Knisja.

## Dmirijiet ta' l-ulied lejn il-ġenituri

Minn natura tagħha l-imħabba tal-ġenituri lejn l-ulied hi aktar kostanti minn dik ta' l-ulied lejn il-ġenituri.[5] Difatti t-tfal aktar għandhom għaliex iħobbu lill-ġenituri milli bil-kontra. Iżda hekk kif it-tfal jibdew jikbru u bil-mod il-mod jinqatgħu mill-ġenituri tagħhom, l-imħabba lejn il-ġenituri tista' ma tibqax daqshekk qawwija. Għalhekk huwa dmir ta' l-ulied li ma jħallux imħabbithom lejn il-ġenituri tmajna.

Skond kif joħroġ mir-raba' kmandament, l-ulied tant huma intimament marbuta mal-ġenituri tagħhom li l-ebda żvilupp mhu possibbli jekk l-ulied huma diżubbidjenti lejhom. Billi l-ġenituri għandhom awtorità mogħtija minn Alla, kull tip ta' ribelljoni kontra tagħhom iġġib magħha t-tkissir ta' kull tip t'awtorità fil-qalb ta' l-ulied diżubbidjenti. In-natura tal-familja tirrikjedi mit-tfal għalhekk li jkun hemm dawn l-erba' kwalitajiet: reverenza, ubbidjenza, imħabba u gratitudni.

- **Reverenza u Unur**

Permezz ta' dawn iż-żewġ kwalitajiet l-ulied jirrikonoxxu l-preċedenza tal-ġenituri f'ħajjithom, minħabba l-awtorità tal-ġenituri li ġejja minn Alla. Huwa biss min għandu sens ta' ġerarkija fil-ħolqien, li jista' juri reverenza u unur lejn l-awtorità. Hawn jidħol id-dmir tal-ġenituri li jużaw l-awtorità tagħhom skond kif jixtieq dak li tahilhom. Inkella jitilfu dak is-sens

[5] BERNARD HARING, *The Law of Christ,* III, New York 1966, 104.

ta’ mħabba lejn ulied, li minn naħa tagħhom jirreċiprokaw bl-istess atteġjament. Jeħtieġ għalhekk li jkun hemm rispett reċiproku.

Is-sens ta’ reverenza lejn il-ġenituri għandu jiġi manifestat permezz ta’ atti esterni li jesprimu unur. Bl-ebda mod l-ulied m’għandhom jaħsbu li huma jistgħu ikunu fuq l-istess livell tal-ġenituri tagħhom. Anke jekk il-ġenituri jkunu ta’ skandlu, ma jfissirx li m’għadhomx denji ta’ rispett minn uliedhom. Ir-rispett lejn il-ġenituri għandu jibqa’ sal-mewt tagħhom.

L-ulied ma jkunux qed juru reverenza u unur lejn il-ġenituri meta jiċħduhom pubblikament u anke privatament b’lingwaġġ vili u bl-użu tal-vjolenza. Xi drabi l-ulied ikunu kostretti li jiddixxiplinaw lill-ġenituri tagħhom meta dawn ikollhom xi disturbi mentali jew ikunu huma stess vjolenti.

- **Ubbidjenza**

L-ubbidjenza hija l-aċċettazjoni ta’ l-ordni ġerarkiku fil-ħolqien. L-ubbidjenza tgħid “iva” lill-awtorità stabbilita minn Alla. Ir-rifjut li tobdi iwassal għal-kaos. Ubbidjenza ġenwina minn naħa ma tqisx lis-superjuri bħala allat u mill-banda l-oħra tevita r-ribelljoni lejhom. Il-bniedem jeħtieġ jifhem li Alla ddelega l-awtorità tiegħu lil bnedmin oħra. Il-bniedem ubbidjenti ifittex li jidħol fi spirtu ta’ aċċettazjoni u jirrikonoxxi l-awtorità, waqt li japprovaha fil-kuxjenza tiegħu. It-tfal għandhom jaslu biex jifhmu li huwa tajjeb li tobdi lill-ġenituri għax dawn jafu x’qed jagħmlu. L-ubbidjenza sserraħ fuq din il-kunfidenza.

Fl-istess ħin irridu nifhmu li l-bnedmin li jeżerċitaw awtorità huma wkoll limitati. Sfortunatament il-fiduċja tat-tfal fl-awtorità tista’ tiġi frustrata sa minn kmieni. L-attitudnijiet negattivi tal-ġenituri jistgħu iwasslu biex ikissru l-ispirtu ta’ l-ubbidjenza. F’dan il-kwadru huwa meħtieġ li t-tfal ikollhom spirtu kritiku li però għandu jiġi mogħti direzzjoni tajba mill-ġenituri. Tajjeb għalhekk li l-ġenituri jfissru l-valur ta’ l-ubbidjenza lill-uliedhom, permezz ta’ eżempji konkreti, waqt li jagħtuhom ir-raġuni għall-ordnijiet tagħhom. Jekk l-ordnijiet isiru b’mod arbitrarju jew dittatorjali jista’ jkun hemm ċaħda totali ta’ l-awtorità minn naħa tat-tfal.

Il-kritika bbażata fuq il-valuri qatt ma taffaċċja l-alternattiva li tobdi jew ma tobdix, iżda biss id-deċiżjoni li tobdi lil Alla rappreżentat mill-ġenituri u s-superjuri jew li tobdi r-rieda magħrufa t'Alla billi tiċħad ir-rieda diżordinata tal-ġenituri.[6] Kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli, "jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli lill-bnedmina."[7] Meta l-ġenituri jiżbaljaw, ikun tajjeb jekk jammettu dan ma wliedhom u jispjegawlhom sew l-affarijiet. B'hekk it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu ċerti distinzjonijiet importanti, waqt li jkunu qed jiġu orjentati għat-tajjeb.

Sakemm it-tfal għadhom taħt l-awtorità tal-ġenituri, anke jekk ikunu kibru, huma għandhom jobduhom f'dak kollu li hu tajjeb. Meta t-tfal jikbru u jibdew jgħixu għal rashom, il-ġenituri xorta jibqalgħom id-dmir li jwissu lill-uliedhom. Jekk l-ulied ma jaqblux xorta għandhom jikkunsidraw bis-serjetà l-parir tal-ġenituri tagħhom.

L-ulied ikunu qed jidinbu konta l-ubbidjenza jekk jirribellaw direttament kontra l-awtorità tal-ġenituri, jirrisponduhom b'mod mhux xieraq għal pariri tajba li jtuhom, juru nuqqas ta' kooperazzjoni fil-ħidma domestika, iħallu d-dar biex jaħarbu mill-awtorità tal-ġenituri (sakemm ma jkunux esposti għal danni morali gravi jew ikunu qed jiġu użati jew abbużati mill-ġenituri). It-tfal ikunu qed jidinbu wkoll jekk minħabba t-traskuraġni żejda fil-formazzjoni akkademika u vokazzjonali tagħhom, jikkawżaw ansjetà żejda fil-ġenituri u jpoġġuhom fi problemi finanzjarji. Huma jkunu ħatja jekk jiksru l-ordnijiet tal-ġenituri rigward materji serji bħal kumpanija ħażina u divertiment bla rażan. L-ulied għandhom jobdu ċerti regolamenti stabbiliti fil-familja, bħal ngħidu aħna li ma jdumux barra b'mod esaġerat mingħajr raġuni valida.

F'materji ta' vokazzjoni jew stat ta' ħajja, l-ulied għandhom jikkonsultaw lill-ġenituri. Jekk jaħsbu li dak li jridu l-ġenituri jmur kontra r-rieda t'Alla, jistgħu ikomplu l-konsultazzjonijiet mingħajrom, għalkemm mhux jeliminawhom għal kollox. Anke jekk il-ġenituri jkomplu joġġezzjonaw, l-ulied qatt m'għandhom iwaqqgħu vokazzjoni għal ħajja saċerdotali jew reliġjuża, jekk huma verament konvinti li Alla qed isejħilhom għal dak l-istat ta' ħajja. Fl-istess ħin l-ulied mhux obbligati jippersistu fil-vokazzjoni sekulari jew professjonali jekk wara riflessjoni serja jaraw li dak li jridu l-ġenituri mhux prattiku biex jitwettaq. Il-ġenituri

[6] Ibid. 108.
[7] Atti ta' l-Appostli, 5, 29.

jeħtieġ iżommu quddiem għajnejhom li l-vokazzjoni ta' wliedhom mhix tagħhom u mhix konfinata biss għall-perjodu li wliedhom ikunu magħhom id-dar.

Rigward l-għażla ta' sieħeb jew sieħba għaż-żwieġ, japplikaw l-istess prinċipji. Jekk il-parir tal-ġenituri hu bbażat fuq bażi morali soda, l-ulied għandhom jikkunsidrawh serjament minħabba l-fatt li l-ġenituri għandhom esperjenza akbar. Jekk l-ulied jibqgħu bid-dubju, jistgħu jikkonsultaw lil xi ħadd ieħor qabel iwaqqgħu il-parir tal-ġenituri. Fuq kollox deċiżjonijiet bħal dawn għandhom isiru wara ħafna riflessjoni u talb.

- **Imħabba u Gratitudni**

L-ulied għandhom dejjem iħobbu l-ġenituri tagħhom li tawhom il-ħajja, anke meta l-ġenituri mhux dejjem urew imħabba lejhom. Naturalment l-imħabba tkun akbar jekk il-ġenituri verament ħadu ħsiebhom b'imħabba.

L-imħabba u l-gratitudni għandhom jiġu espressi permezz ta' ġesti, kemm f'okkażjonijiet speċjali tal-familja, imma wkoll fuq kollox f'kull ġurnata li tgħaddi. L-ulied ma jkunux qed juru imħabba u gratitudni lejn il-ġenituri jekk jixtiqulhom id-deni, jaqtgħu kull kuntatt magħhom meta jafu li dan qed iweġġgħalhom qalbhom, ma jiħdux ħsiebhom meta jixjieħu, ikunu morda jew meta jkunu waslu biex imutu. Meta l-ġenituri jmutu l-ulied ikunu jonqsu jekk juru mibgħeda lejn il-ġenituri minħabba testment magħmul b'mod ġust. Ikunu qed juru nuqqas kbir ta' rispett jekk ma jiftakrux fihom u jitolbu għalihom.

L-ulied għandhom joqgħodu attenti li ma jirrivelawx sigrieti dwar il-ġenituri, lill-barranin. Però jista' jagħti l-każ li l-ulied jirrikorru għand persuni serji u ta' min jafdahom biex jiftħu qalbhom dwar imġiba skorretta tal-ġenituri.

## Il-Virtù tal-Kastità

- **Elementi essenzjali**

Biex ikunu xhieda għal uliedhom, il-ġenituri jeħtieġ ikunu ta' mudell fil-virtù tal-kastità. Il-kastità mhix sempliċiment kontroll tal-passjonijiet tal-ġisem. Fil-każ tal-miżżewġin, il-kastità hija attitudni ta' reverenza lejn ir-realtà sagra taż-Żwieġ u lejn is-sess. Il-bniedem kast huwa dak li juża s-sess bil-mod kif iridu Alla.

Il-kastità hija mezz biex il-miżżewġin jgħixu ħajja pura li bħala virtù hija diretta lejn il-kult lil Alla. Għaldaqstant il-kastità tnissel fil-miżżewġin sens ta' moderazzjoni u dixxiplina li jassiguraw id-dominju ta' l-ispirtu fuq il-passjonijiet tal-ġisem. L-akbar forza li tmexxi l-kastità hija l-imħabba li mingħajrha l-passjoni karnali tirrenja fuq ir-raġuni: *Regnat carnalis cupiditas, ubi non est Dei Caritas.*[8]

L-edukazzjoni għall-kastità għandha tibda b'introduzzjoni għall-valuri uniċi tas-sess. F'din il-materja, il-ġenituri għandhom iqajmu fit-tfal l-ispirtu ta' kunfidenza sabiex ma jkunx hemm pretensjonijiet żejda f'dan il-qasam.

- **Il-Fornikazzjoni**

Il-fornikazzjoni sseħħ meta tnejn mhux miżżewġa jkollhom x'jaqsmu sesswalment. Il-konkubinaġġ hija tip ta' unjoni sesswali barra miż-Żwieġ. Dan mhux l-istess bħal żwiġijiet invalidi peress li f'dawn jista' jkun hemm l-intenzjoni taż-Żwieġ, imma jkun hemm xi impediment mhux magħruf li jirrendi ż-żwieġ null.

L-aktar forma degradanti u skandaluża tal-fornikazzjoni hija l-prostituzzjoni u kull tip ta' gratifikazzjoni vulgari. Hawn jidħlu kompliċi ukoll dawk kollha li jikkooperaw f'din il-ħaġa. L-affari tkun aktar gravi meta jkun hemm korruzzjoni u seduzzjoni.

---

[8] Sant' Wistin, *Enchiridion,* 117.

- **Unjoni għall-pjaċir biss**

Il-Papa Innoċenz XI fl-1679 kien diġa kkundanna l-azzjoni ta' min juża l-att sesswali għall-fini ta' pjaċir biss.[9] Il-ġudizzju jkun aktar sever jekk din il-ħaġa tkun stil ta' ħajja. Din l-attitudni tneżża' l-istint sesswali mill-imħabba.

S'intenti ma nkunux umani jekk neliminaw għal kollox il-pjaċir. Ġeneralment huwa l-pjaċir li jħajjar lir-raġel u l-mara biex jingħaqdu sesswalment, aktar milli l-motiv ultimu ta' l-azzjoni. Però l-pjaċir m'għandux ikun l-għan ultimu tar-relazzjoni, iżda għandu jkun integrat fil-kuntest kollu tar-relazzjoni mmexxija mill-imħabba.

## Konklużjoni

Nagħlqu dan il-każ b'eżortazzjoni mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, li tiġbor dak kollu li għedna:

> Ir-relazzjonijiet fi ħdan il-familja jfissru li jkun hemm ċertu qbil jew xebh fis-sentimenti, fil-ġibdiet u fl-interessi tal-membri tagħha: dan jiġi l-aktar mir-rispett li jkun hemm bejn il-persuni kollha li jiffurmaw il-familja. Il-familja hi komunità privileġġjata imsejħa biex il-miżżewġin ikunu miftuħin għal xulxin fl-imħabba u biex ikun hemm ukoll kooperazzjoni attenta bejn il-ġenituri fl-edukazzjoni ta' l-ulied.[10]

[9] JOSEF NEUNER – JACQUES DUPUIS, *The Christian Faith*, Bangalore 1996, 901.
[10] Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2206.